

## 1 - Id-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni

### A. Jekk jien ċittadin barrani, dan jaffettwa l-investigazzjoni?

Iva, essenzjalment minħabba li jkun rilevanti xi drittijiet u garanziji addizzjonali (ara wkoll *hawn taħt*).

### B. X'inhuma l-istadji ta' investigazzjoni?

#### i. L-istadju tal-kumpilazzjoni tax-xhieda/is-setgħat investigattivi

L-attivitajiet tal-pulizija fl-investigazzjonijiet kriminali huma previsti fl-Artikoli 347 sa 357 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; l-attivitajiet tal-prosekutur pubbliku huma rregolati mill-Artikoli 358 sa 378 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

#### ii. Detenzjoni mill-pulizija

Skont l-Artikolu 384 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, minbarra f'każijiet flagranti, li fihom il-pulizija tar-reati kriminali twettaq arrest obligatorju jew arrest fakultattiv ta' persuna suspettata waqt li tkun qed twettaq reat, fejn ikun hemm fatturi speċifiċi li, anke meta jkun impossibbli li tiġi identifikata l-persuna suspettata, jindikaw li r-riskju ta' ħarba huwa fondat, il-prosekutur pubbliku jordna l-arrest provviżorju jew, qabel ma l-prosekutur pubbliku jkun ħa f'idejha l-investigazzjoni, il-pulizija tar-reati kriminali twettaq l-arrest provviżorju ta' persuna fuq inizzjattiva proprja fuq suspett serju ta' reat li għalih il-liġi timponi sentenza ta' għomor il-ħabs jew ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn u massimu ta' sitt (6) snin, jew ta' reat li jinvolvi armi tal-gwerra u splussivi, jew ta' reat imwettaq għall-finijiet tat-terroriżmu, inkluż it-terroriżmu internazzjonali, jew is-sovverżjoni tal-ordni demokratiku.

#### iii. Interrogazzjoni

Il-persuna li tkun qed tiġi investigata, anke jekk tiġi arrestata jew miżmuma għal raġuni oħra, tipparteċipa b'mod volontarju fl-interrogazzjoni, suġġett għas-salvagwardji meħtieġa biex jiġi evitat ir-riskju ta' ħarba jew vjolenza; ma jistgħux jintużaw metodi jew tekniki li jistgħu jinfluwenzaw il-libertà tal-awtodeterminazzjoni jew li jbiddu l-kapaċità tal-memorja u tal-valutazzjoni tal-fatti, anke bil-kunsens tal-persuna interrogata.

#### iv. Arrest preventiv

L-arrest preventiv u miżuri oħra ta' superviżjoni personali huma previsti fl-Artikoli 272 sa 315 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Is-sistema ta' miżuri ta' superviżjoni personali hija regolata mill-prinċipji tal-adeqwatezza u tal-proporzjonalità, li abbażi tagħhom, b'ħala regola ġenerali, meta jordna l-miżuri, l-imħallef irid iqis, minn naħa, l-adeqwatezza speċifika ta' kull miżura meta mqabbla man-natura u l-grad tar-rekwiżiti kawtelatorji li jidu jiġu ssodisfati fil-każ speċifiku u, min-naħa l-oħra, kull miżura trid tkun proporzjonata għall-kobor tal-fatti u għall-penali li tkun għiet jew tista' tiġi imposta.

### C. X'inhuma d-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni?

#### i. Jien intitolat għal interpretu u traduzzjonijiet?

Iva, f'konformità mal-Artikolu 143 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

## ii. X'inhuma d-drittijiet tiegħi għall-informazzjoni u aċċess għall-atti tal-kawża?

F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat, b'mod ġenerali, li n-notifika tat-tlestija tal-investigazzjonijiet preliminari lill-persuna suspettata u lill-avukat tad-difiża tagħha tinkludi rapport fil-qosor tal-fatti li fuqhom tkun se tittieħed azzjoni legali, id-dispożizzjonijiet legali li allegatament inkisru u d-data u l-post tal-att, filwaqt li tindika li d-dokumenti relatati mal-investigazzjonijiet imwettqa jkunu ġew ippreżentati lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u li l-persuna suspettata u l-avukat tagħha jkunu intitolati li jispezzjonaw u jieħdu kopja tagħhom; barra minn hekk, hemm stabbilti regoli speċifiċi dwar id-dritt li wieħed jiġi infurmat u d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti fil-proċess tal-kawża, b'mod partikolari dwar kif għandha ssir l-interrogazzjoni jew dwar l-impożizzjoni ta' miżura ta' protezzjoni personali.

## iii. Jien għandi dritt għal avukat u li ninforma lil terza persuna bis-sitwazzjoni tiegħi?

Il-persuna suspettata/akkużata hija intitolata tqabbaad mhux aktar minn żewġ avukati biex jiddefenduha; persuna suspettata/akkużata li ma tkunx qabbdet avukat jew li ma jkollhiex avukat difensur tkun assistita minn avukat maħtur uffiċjalment. Għall-ispezzjonijiet u t-ftitxijiet, japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi li jinkludu, id-dritt tal-persuna kkonċernata li tkun assistita minn rappreżentant, sakemm dan ikun disponibbli u xieraq.

## iv. Jien intitolat għall-għajnuna legali?

Iva, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbilti fid-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ.

## v. X'inhu importanti li wieħed ikun jaf dwar:

### a. Il-preżunzjoni tal-innoċenza

L-Artikolu 27 tal-Kostituzzjoni Taljana jipprevedi li l-persuni akkużati ma għandhomx jitqiesu haġja sakemm tingħata sentenza finali.

### b. Id-dritt li wieħed jibqa' sieket u li wieħed ma jinkriminax ruħu

F'dan ir-rigward, ta' min jinnota, fost l-oħrajn, li qabel ma tibda l-interrogazzjoni, il-persuni jridu jiġu infurmati li d-dikjarazzjonijiet tagħhom dejjem jistgħu jintużaw kontrihom u li, ħliet għall-obbligu li jipprovdu d-dettalji tagħhom, għandhom id-dritt li ma jwieġbu l-ebda mistoqsija, iżda l-proċedura tkompli xorta waħda; jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux osservati, kwalunkwe dikjarazzjoni li tagħmel il-persuna li tkun ġiet interrogata ma tkunx tista' tintuża.

### c. L-oneru tal-prova

B'mod ġenerali, l-oneru tal-prova fir-rigward tal-fatti relatati mal-att ta' akkuża, tar-responsabbiltà kriminali u tad-determinazzjoni tal-piena jew tal-miżura preventiva jaqa' fuq il-prosekutur pubbliku.

## vi. X'inhuma s-salvagwardji speċifiċi għall-minuri?

Ir-regoli relatati mal-proċedimenti kriminali kontra t-tfal u ż-żgħażaġħ huma stabbilti fid-Digriet Presidenzjali Nru 448 tat-22 ta' Settembru 1988 li, b'mod ġenerali, jistabbilixxi sistema ta' benefiċċju akbar għall-persuna suspettata/akkużata, kemm fl-investigazzjonijiet preliminari kif ukoll fil-proċedimenti tal-qorti.

## vii. X'inhuma s-salvagwardji speċifiċi għall-persuni vulnerabbli?

Bħala regola ġenerali, japplikaw ir-regoli ordinarji dwar il-protezzjoni tad-drittijiet individwali rilevanti.

## D. X'inhuma t-termini legali tal-investigazzjoni?

B'mod ġenerali, jekk il-prosekutur pubbliku ma jitleb ix-xenja tal-kawża, huwa jrid jiftaħ proċedimenti kriminali fi żmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-isem tal-persuna li tkun ġiet akkużata bir-reat jiddaħħal fir-reġistru tar-reati rrapportati; din l-iskadenza hija estiża għal sena għal kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fl-Artikolu 407(2)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (kriminalità organizzata, terroriżmu, reati relatati ma' armi tan-nar jew drogi u reati serji oħra). Fi kwalunkwe każ, qabel ma tiskadi l-iskadenza, il-prosekutur pubbliku jista' jitleb lill-imħallef responsabbli għall-investigazzjonijiet preliminari biex jstendi l-perjodu msemmi hawn fuq għal raġunijiet ġustifikati; il-prosekutur pubbliku jista', b'ħala regola, jitleb aktar estensjonijiet f'każijiet ta' investigazzjonijiet partikolarment kumplessi jew fejn ikun oġġettivament impossibbli li dawn jiġu konklużi fil-perjodu estiż; kwalunkwe estensjoni tista' tiġi awtorizzata mill-imħallef responsabbli għall-investigazzjonijiet preliminari għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur. B'ħala regola, l-investigazzjonijiet preliminari, inkluża kwalunkwe estensjoni, ma jistgħux, madankollu, idumu aktar minn 18-il xahar. Madankollu, it-tul massimu huwa ta' sentejn jekk l-investigazzjonijiet preliminari jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikolu 407(2)(a), jew f'każijiet speċifiċi limitati oħra stabbiliti bil-liġi.

## E. X'miżuri jittieħdu fl-istadju tal-investigazzjoni, inkluż alternattivi għall-arrest preventiv u l-possibbiltajiet ta' trasferiment lejn l-istat ta' oriġini (Ordni ta' Superviżjoni Ewropea)?

Minbarra l-arrest preventiv, jistgħu jiġu imposti l-miżuri koerċittivi ta' superviżjoni personali li ġejjin: il-projbizzjoni fuq it-tluq mill-pajjiż, l-obbligu ta' rappurtar lill-pulizija tal-investigazzjoni kriminali, it-tneħħija mid-dar tal-familja, il-projbizzjoni li wieħed imur f'postijiet li normalment iżżurhom il-vittima, il-projbizzjoni u l-obbligu ta' residenza f'indirizz speċifiku, l-arrest domiciliari, l-arrest preventiv f'istituzzjonijiet b'arranġamenti ta' detenzjoni aktar laxki għall-ommijiet, l-arrest preventiv f'faċilità ta' kura medika.

■ L-aħħar aġġornament: 14/02/2012

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.